National Book Council,
Bice Mizzi Vassallo Complex,
Arnhem Road,
Pembroke, PBK1776
nationalbookcouncil@gov.mt

16 ta' Mejju 2025

**HR/NBC 01/2025**

**Numru tal-Permess ta' Jobsplus 477/2025**

**POŻIZZJONI TA' DIRETTUR (EŻEKUTTIV) MAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB – NUMRU TAL-PERMESS TA' JOBSPLUS 477/2025**

*In-nomenklaturi li jirreferu għall-ġeneru maskili jinkludu wkoll il-ġeneru femminili.*

1. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jilqa' applikazzjonijiet għall-irwol ta' Direttur (Eżekuttiv) fl-uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**Tul tal-inkarigu u kundizzjonijiet**

2.1 L-applikant magħżul ħa jkun qed jidħol f'inkarigu ta' tliet (3) snin bħala Direttur (Eżekuttiv) mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li jista' jiġi mġedded.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Direttur (Eżekuttiv) hija suġġetta għal perjodu ta' probation ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 L-irwol ta' Direttur (Eżekuttiv) huwa fuq bażi full-time definit, u l-applikant magħżul ikun jeħtieġ jaħdem 40 siegħa f'ġimgħa fuq ħamest ijiem, mifruxin fuq kalendarju ta' sena li jkopri wkoll il-ħinijiet ġenerali ta' ftuħ għas-servizzi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**Termini u Kundizzjonijiet**

3.1. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Direttur (Eżekuttiv) huwa l-istess għal dak fi Skala 4, li fl-2025 huwa ta' €41,530 fis-sena, u li jeskludi i-bonus performattiv kif ukoll kumpens għall-ispejjeż, għat-trasport, u għall-komunikazzjoni. Dawn kollha parti mill-pakkett marbut ma' dan l-irwol.

3.2. Kandidati magħżula huma intitolati għal bonus performattiv annwali sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku suġġett gaħl performazzjoni sodisfaċenti u suġġetta għal politiki tal-Amministrazzjoni Ċentrali li jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

3.3 Il-pożizzjoni hija fuq bażi ta' kuntratt definit ta' tliet (3) snin.

3.4 Ir-riżultat huwa validu għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' pubblikazzjoni.

**Dmirijiet u responsabbilitajiet**

4. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tad-Direttur (Eżekuttiv) jinkludu:

(i) Iwieżen lill-Kap Eżekuttiv fl-immaniġġjar sħiħ tal-uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb;

(ii) Jipprovdi analiżi, pariri, rakkomandazzjonijiet u sapport fl-immaniġġjar ġenerali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb;

(iii) Jagħti kontribut għall-l-implimentazzjoni tal-istrateġija, tal-programmi u l-inizjattivi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għas-snin 2025-2030;

(iv) Iwieżen l-operat tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb billi jwettaq f'livell għoli kif assenjat fi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tiegħu għat-twassil effettiv u effiċjenti tal-operat tiegħu, biex jimplimenta u jesegwixxi inizjattivi (inkluż esportazzjoni), programmi, miżuri u skemi ffinanzjati taħt kwalunkwe parti tal-Programmi u Inizjattivi u/jew Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern u/jew kwalunkwe kompitu ieħor kif assenjat mill-Kap Eżekuttiv;

(v) Jirrappreżenta lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u/jew lil Malta kif u fejn hemm bżonn, kemm fuq livell lokali, nazzjonali, internazzjonali u ta' Unjoni Ewropeja;

(vi) Iżomm lill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb infurmat bi żviluppi fit-taqsimiet assenjati lilu, kemm jekk fuq livell domestiku jew Ewropew, inkluż żviluppi politiċi, ekonomiċi, soċjali, letterarji, kif ukoll żviluppi organizzattivi li jistgħu jħallu mpatt jew huma rilevanti għall-ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jew il-funzjoni tagħha;

(vii) Jimmaniġġja f'livell għoli, juri sens ta' tmexxija u approċċ prattiku fil-koordinazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet tal-istaff taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kif stabbiliti mit-tmexxija, u jiggwida lill-uffiċjali fil-gradi kollha fi kwalunkwe kompitu b'eżempju fejn meħtieġ, kif ukoll jipparteċipa bis-sħiħ bħala membru tat-tim maniġerjali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb inkluż billi jikkoordina b'mod effettiv ma' partijiet interessati u ma' aġenziji oħra f'isem il-Kunsill kif meħtieġ;

(viii) Jikkontribwixxi għall-kisba ta' responsabbiltà u trasparenza ta' livell għoli fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb billi jsegwi f'kull ħin ir-Regolamenti kollha dwar l-Akkwist Pubbliku, jipprovdi tweġibiet f'waqthom u effettivi għal kwalunkwe verifika t'Awditjar Intern fi ħdan il-Ministeru, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur jew mill-Ombudsman;

(ix) It-tkabbir tad-dħul u t-twaqqif u l-iffukar ta' opportunitajiet vitali għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

(x) Jitħarreġ fil- komunikazzjoni, informazzjoni jew taħriġ kif meħtieġ biex jiġi żgurat trasferiment effettiv ta' għarfien u ħiliet lill-persunal u/jew lill-partijiet interessati, inkluż

permezz tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni, promozzjonali jew ta' għarfien kif ordnat mill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill;

(xi) Kontinwament jistudja u josserva xejriet letterarji u tal-pubblikazzjoni kemm fis-suq lokali kif ukoll internazzjonali;

(xii) Kwalunkwe dmir ieħor kif mogħti mill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jew rappreżentant/i tiegħu/tagħha;

(xiii) Kwalunkwe dmir ieħor skont l-esiġenżi tas-Settur Pubbliku kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti ta' eliġibbiltà**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema;

(ii) Kapaċi jikkomunika b'mod effettiv u jitkellem b'mod fluwenti kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

(iii) Ikollu kwalifika fil-grad ta' Master fl-Arti u/jew Letteratura u/jew Pubblikazzjoni u/jew Amministrazzjoni Pubblika rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu tal-ECTS/ECVET jew ekwivalenti) jew kwalifika professjonali ekwivalenti kif ukoll tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol simili, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni t'amministrazzjoni ekwivalenti għal Skala 6 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku u/jew Settur Pubbliku;

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, l-applikanti li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki imsemmija hawn fuq xorta se jiġu kkunsidrati, sakemm jissottomettu evidenza li jkunu ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki in kwistjoni, jew temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-arranġament attwali, li bih impjegati tas-Settur Pubbliku li jwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fil-kotba tal-entità rispettiva, għandu jkompli japplika fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-post, suġġett għall-kunsens tal-entità.

5.4 Applikanti għandhom ikunu eliġibbli biex jaċċettaw il-ħatra dovuta tagħhom, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

**Is-sottomissjoni tad-dokumenti li jwieżnu lill-applikazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti u/jew testimonjanzi li kopja tagħhom għandhom jiġu skennjati u mehmuża mal-applikazzjoni u mibgħuta fuq nationalbookcouncil@gov.mt .

6.2 Ċertifikati oriġinali jew testimonjanzi jridu jinġiebu waqt l-intervista sabiex jiġu vverifikati.

**Il-proċedura tal-għażla**

7. L-applikanti eliġibbli jkunu assessjati minn Bord tal-Għażla li jiddetermina jekk l-applikant ikunx tajjeb għall-pożizzjoni. L-ogħla marka mogħtija hija 100, u tgħaddi jekk iġġib aktar minn 50.

**Is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

8.1 Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu, għall-attenzjoni tal-Kap Eżekuttiv, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, biss fuq dan l-indirizz: nationalbookcouncil@gov.mt .

8.2 Applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

(i) CV tal-Europass aġġornat li jkun jinkludi n-Numru tal-Karta tal-Identità u lista ta' kwalifiċi li għandu l-applikant;
(ii) Service and Leave Record Form aġġornata (GP 47) jew l-istorja tal-impjieg mingħand Jobsplus;
(iii) Kondotta tal-Pulizija; u
(iv) Ittra t'akkumpanjament.

8.3 Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qegħdin iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jippreżentaw ir-Records tal-Leave u Sick Leave mħallsa u mhux imħallas tagħhom għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe rekord ta' azzjoni dixxiplinarja li setgħet ittieħdet fil-konfront tagħhom. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li jwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom ukoll jipproduċu konferma bil-miktub mid-DCS tal-Ministeru fejn ikunu qed jaqdu dmirijiet, li qed jaqdu dmirijiet uffiċjalment f'dak il-Ministeru.

8.4 L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn **nofsinhar (12:00 CET) tal-Erbgħa, 28 ta’ Mejju 2025**. Ħa tkun qed tintbagħat email bħala rċevuta tal-applikazzjoni mibgħuta.

8.5 Applikanti ħa jingħataw sa jumejn (2) mid-data ta’ notifika li daħħlu l-applikazzjoni tagħhom sabiex jissottomettu kwalunkwe dokumenti neqsin, mhux komplet jew żbaljati. Kwalunkwe dokument nieqes, mhux komplet jew żbaljat li jintbagħat wara d-data u l-ħin tal-għeluq mhux ħa jkun ikkunsidrat.

8.6 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (applikazzjonijiet tardivi) ħa jkunu kkunsidrati bħala ineleġibbli u invalidi.